## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-4 ta' Frar, 2016

Appell Nru: 413/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Mario Tonna**

**vs**

**Robert Gauci Mazzelli**

Il-Qorti,

Rat l- imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-imsemmi Robert Gauci Mazzelli detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 49780M talli:

Nhar is-Sibt, 28 ta' Gunju, 2014 ghall-habta ta' 14:50hrs fl-inhawi tax-Xghajra fuq il-bahar haddem bastiment zghir bin-numru S-2345 li jahdem bil-mutur 70 hp minghajr licenzja nawtika mahruga f'ismu u dan bi skur ta' S.L. 499.52, Regolament 45 it-tielet skeda u Reg. 29(1) ta' L.S. 499.52. Il-Qorti kienet mitluba biex tirrevoka jew tissospendi l-licenzja nawtika tal-appellant ghal dak iz-zmien li jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-8 ta' Ottubru, 2014, li permezz taghha wara li rat ir-Regolamenti 45 u 29(1) tal-LS 499.52 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati u kkundannatu multa ta' hames mitt ewro (€500);

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Robert Gauci Mazzelli, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta' Ottubru, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-unika mputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u filwaqt illi tiddikjarah mhux hati taghha, tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena. B'mod sussidjarju talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat l-atti kollha processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji f'dan l-appell huma tnejn. Fl-ewwel aggravju l-appellant Robert Gauci Mazzelli jilmenta minn apprezzament zbaljat tal-povi prodotti mid-Difiza u konsegwenzjali nuqqas t'apprezzament tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern.. It-tieni ilment huwa dak sussidjarju rigwardanti l-piena inflitta;

Illi mill-provi akkwiziti, jemergi illi l-appellant u martu kienu fuq dghajsa fuq il-bahar misjuqa mill-appellant meta kienu mwaqqfa mill-forzi tal-ordni. L-appellant ma kellux licenzja sabiex isuq opri tal-bahar u ghalhekk kien infurmat li ser jittiehdu passi kontra tieghu. L-appellant u martu xehedu illi kien minnu li

f'dak il-hin d-dghajsa kienet misjuqa mill-appellant izda dan kien dovut ghall-fatt illi martu, persuna debitament licenzjata, ma kienx qed ihossha tajjeb ghaliex il-bahar kien qed iqallibha u ghazel li jsuq hu. L-appellant ghalhekk jargumenta illi ma kellu l-ebda ghazla f'dik ic-cirkostanza ghajr illi jiehu d-dghajsa f'idejh u ghalhekk ma kellux dik l-intenzjoni rikjesta mill-ligi sabiex jikkometti dan id-delitt;

Din il-Qorti staqsiet sia lill-appellant kif ukoll lill-martu jekk dan kienx ingieb a konjizzjoni tat-tlett pulizija fil-hin tal-incident kif ukoll tal-Ewwel Qorti u wiegbu fl-affermattiv. Il-Qorti ghamlet din il-mistoqsija ghaliex dan il-fatt partikolari ma jissemma fl-ebda wiehed mit-tlett affidavits u wisq anqas fil-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha. L-appellant jargumenta illi l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza x-xhieda tad-difiza, izda ezaminati l-atti jemergi illi l-appellant naqas milli jiehu l-opportunita' li jsejjah lill-ufficcjali tal-pulizija biex jixhdu in kontro-ezami u jistaqsihom senjatament jekk jiftakrux dan il-fatt u fil-kaz ghaliex ma hadux notament tieghu biex jiddeponu dwaru. Dettall importanti dan li certament kien jirrikjedi konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti f'kaz li kien, jekk verament kien, hekk sollevat. Hija ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti li l-konkluzzjoni li wasslet ghalija l-Ewwel Qorti kienet wahda ragjonevoli u skond il-ligi bazata fuq il-fatti migjuba quddiemha;

Illi l-appellant jitlob ukoll lil din il-Qorti b'mod sussisdjarju r-riforma tas-sentenza appellata fil-parti fejn ikkundannatu ihallas multa ta' €500 u dan billi teroga piena aktar ekwa u gusta. Issa, irid jinghad illi l-piena kominata mill-Ewwel Qorti hija dik tassattivament applikabbli skond it-Tielet Skeda tal-Avviz Legali 183 tal-2008 kif emendat u ghalhekk it-talba ghal-varjazzjoni tas-sentenza hija wahda fierha;

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.